**28 ta' Marzu, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Albert Mizzi

*versus*

Prokuratur Legali Ivo Galea

**Appell – Malleverija**

*Ġie dejjem deċiż mill-Qorti ta' l-Appell li d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili rigwardanti l-malleverija f'każi ta' appelli b'petizzjoni minn sentenzi ta' Qrati Superjuri ta' Prim'Istanza japplikaw in forza tal-liġi stess għall-appelli b'rikors minn digrieti interlokutorji mogħtija mill-Qrati msemmijin.*

*Ġie wkoll dejjem deċiż li l-malleverija skond il-liġi trid bilfors tiġi offruta kontestwalment mal-preżentata tal-petizzjoni jew rikors ta' appell skond il-każ, altrimenti l-appell ikun irritu u null.*

Il-Qorti: –

Din hi deċiżjoni fuq preġudizzjali ssollevata mill-konvenut appellat rigwardanti l-allegata nullità ta' l-appell ta' l-attur;

Il-konvenut appellat qed jeċċepixxi li l-appell ta' l-attur huwa null billi mhux munit b'malleverija;

Effettivament minn eżami tar-rikors ta' l-appell ta' l-attur jirriżulta li dan ġie ppreżentat mingħajr malleverija;

F'dan l-isfond din il-Qorti tiddirimi l-kwistjoni kif ġej:

1) Ġie dejjem deċiż minn din il-Qorti li d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili rigwardanti l-malleverija f'każi ta' appelli u b'petizzjoni minn sentenzi ta' Qrati Superjuri ta' Prim'Istanza japplikaw *in forza* tal-liġi stess għall-appelli b'rikors minn digrieti interlokutorji mogħtija mill-Qrati msemmijin;

2) Ġie wkoll dejjem deċiż li l-malleverija skond il-liġi trid bilfors tiġi offruta kontestwalment mal-preżentata tal-petizzjoni jew rikors ta' appell skond il-każ, altrimenti l-appell ikun irritu u null;

3) Minn dan isegwi li għalkemm hu leċitu li wara li tkun ġiet offruta malleverija kontestwalment ma' l-appell din tista' tiġi sostitwita b'oħra jekk l-ewwel waħda ma tkunx ġiet aċċettata bħala idoneja, mhux leċitu li min ma jkunx offra malleverija meta ppreżenta l-appell ikun jista' joffriha wara – dana għaliex dak l-appell ikun diġà mmarkat bin-nullità u għalhekk ma hemmx rimedju għan-nuqqas ta' l-attur;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-preġudizzjali tal-konvenut appellat, tiddikjara l-appell ta' l-attur irritu u null u għalhekk ma tiħux aktar konjizzjoni tiegħu. L-ispejjeż ta' l-appell a kariku ta' l-attur appellant.